MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2006

Avviz Numru. 321/2005

**Vivian Corporation Limited (C 68)**

**Vs**

**Jesmond Sant kif ezercenti l-kummerc f'isem "Save 'N' Smile" Discount Store li ghandu l-Karta ta' l-Identita' bin-numru 17766(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, u wiehed u hamsin Liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm4,051.19) rapprezentanti prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 7 ta' Frar 2005 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-jum tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 25 u fol 26 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-28 ta' Novembru 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm4051.19,0 bl-imghax legali mis-27 ta’ Mejju 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tas-7 ta’ Frar 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------